


# L-Iskultur Sigismondo Dimech

## 150 Sena mill-Mewt Tiegħu

Kitba ta'

Joseph C. Camilleri B.A. (Gen.), Dip. Ed. (Am. & Mgt)

Skond il-kittieb Pietru Pawl Castagna, Ħal Balzan għandu żewġ opri ta' l-iskultur Sigismondo Dimech. Dawn huma ż-żewġ figuri li jifformaw il-Lunzjata u Santa Marija. L-ewwel statwa tinsab iżżejjen iz-zuntier tal-knisja parrokkjali u t-tieni waħda tinsab quddiem il-knisja ta' Santa Marija fit-triq ta' quddiem il-knisja parrokkjali. Iżda l-iskultur Sigismondo Dimech ħadem aktar minn hekk. Min kien dan il-bniedem?

Skond ir-riċerka ta' Dr. Eugene Montanaro, sirna nafu li dan l-iskultur twieled fil-Belt Valletta, fis-27 ta' Diċembru tas-sena 1769. Hu kien iben Vincenzo u Rosa, imwielda Spanjol. Twieled f'familja li l-arti għalihom kienet ħaġa qaddisa. Insibu diversi artisti minn din il-familja hekk li wieħed jista' jgħid li kien hemm dinastija ta' artisti – dinastija Dimech. Insemmu lil Ferdinando, Vincenzo, Salvatore u Federico kif ukoll kien hemm ieħor li kien jismu l-istess bħal dan l-iskultur. Tant li Pietru Pawl Castagna tfixkel xi xogħlijiet ta' dawn iż-żewġ skulturi u poġġihom f'lista waħda.



Ftit li xejn nafu fuq il-ħajja ta' dan il-bniedem. Nafu li kien il-kuġin tal-magħruf skultur Vincenzo Dimech (1768-1831). Tgħid tgħallem is-sengħa ta' l-arti mingħand kuġinuh? Nafu li fit-23 ta' April tas-sena 1790 hu żżewweġ lil Antonia Savona, li kienet mill-Birgu. Iż-żwieġ sar fil-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz fil-Birgu. Il-koppja Dimech marru joqogħdu mal-ġenituri ta' Sigismondo fil-Belt Valletta, sewwa sew fil-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu. Minn dan iż-żwieġ nafu li għall-inqas kellhom tifel. Dan kien Ferdinando li kellu wkoll it-talent artistiku u kien jaħdem ta' skultur. Dan Ferdinando miet ta' età żgħira – 42 sena fis-sena 1840.

### Ħajja fil-Qasam Politiku

Milli jidher Sigismondo Dimech kien imdaħħal fil-ħajja politika ta' dawk iż-żminijiet. Nafu li fis-sena 1802 saret talba biex hu jkun jista' jidħol mill-ġdid f'pajjiżu. Milli jidher kien fl-eżilju. Dam barra għal xi sena u nofs. Għalhemm it-talba ma fiha l-ebda indikazzjoni għaliex ġie eżiljat aktarx li ġarrab dan minħabba li kien żamm b'ruħu u b'ġismu mal-Franċiżi meta dawn kienu jaħkmu fuq Malta. Aktarx li l-eżilju beda fis-sena 1800. It-talba tiegħu ġiet milqugħa u Sir Charles Cameron li kien il-Kummissjatur Ċivili ta' Malta laqagħha. Meta reġa' daħħal fil-pajjiż, hu fetaħ ħanut tax-xogħol qrib il-Belt Valletta qrib it-Teatru Manwel.

Milli jidher Sigismondo Dimech kellu xogħol ieħor. Għaliex madwar is-sena 1807 l-kollezzjonist ta' l-arti l-Konti Saverio Marchese kien qabdu biex ibiegħlu biċċa xogħol ta' l-arti. Din kienet pittura taż-żejt.

Wara l-mewt ta' Ferdinando, il-familja Dimech ħalliet is-swar tal-Belt Valletta biex tmur toqgħod Birkirkara. Hemm il-familja baqgħet toqgħod sakemm l-artist miet. Dan kien fis-sena 1853. Miet fl-età sabiħa ta' 84 sena. Jinsab midfun fil-knisja parrokkjali ta' Sant'Elena f'Birkirkara.

## Xogħlijiet

Sigismondo ħadem fuq tliet tipi ta' materjal biex holoq ix-xogħlijiet tiegħu. Dawn kienu injam, ġebla u irħam. Minħabba l-iżball li kien għamel Pietru Pawl Castagna hi ħaġa diffiċli li tkun taf sewwa x-xogħlijiet tiegħu. Nibdew billi nsemmu l-bust ta' l-irħam li kien għamel għall-ammirall minn Venezja *Angelo Emo*. Dan il-bust jinsab fil-knisja tal-Vitorja fil-Belt Valletta. Dan kellu jkun arkofagu għal dan il-bniedem iżda l-ġisem ġie meħud Venezja. L-ordni ta' dan il-bust saret mill-Viċi Ammirall Tommaso Condulmier. Dan hu aktarx xogħol tas-sena 1792.

Xogħol ieħor tiegħu hu l-vara ta' Ġesù Marija li tinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fil-Belt Victorja. Din il-vara hi l-eqdem vara b'żewġ figuri li għandna Malta. Din il-vara saret qabel is-sena 1808. Min-naħa l-oħra fil knisja parrokkjali Dumnikana ta' Tas-Sliema hemm tlett ibċejjeċ skultura tiegħu.

Dawn kienu ordnati għall-knisja Dumnikana ta' Porto Salvo tal-Belt Valletta. Dawn ix-xogħlijiet huma ta' l-injam. Għall-istess knisja Beltija Sigismondo Dimech ħoloq erba' figuri ta' anġli biex iżejnu l-istatwa titulari ta' San Duminku. Dawn l-anġli mhux dawk li llum iżejnu din l-istatwa. Ħadem ukoll xi xogħlijiet skulturali għal-leġiju u żewġ statwetti ta' San Pietru u San Pawl għall-altar maġġur.

## Aktar xogħlijiet

Għall-knisja Ġorġjana ta' Għawdex, hu ħadem fuq il-faċċata tal-knisja. Dan ix-xogħol ħadmu flimkien ma' ibnu – Ferdinando. Dan sar fis-sena 1817. Fuq waħda mill-pilastri hemm imnaqqax il-kliem *Dimech – Padre e Figlio – 1817*. L-istudjużi ta' l-istorja ta' l-arti huma tal-fehma li minn dan ix-xogħol, iben Sigismondo tgħallem is-sengħa mingħand missieru.

Xogħlijiet oħra ta' Sigismondo Dimech huma l-bust ta' Gvernatur Brigido. Dan ix-xogħol sar fl-irħam. **Ħal Balzan hu mżejjen b'żewġ xogħlijiet ta' dan l-artist. L-ewwel u qabel kollox hemm iż-żewġ figuri tal-Lunzjata. Dawn jinsabu fuq kull naħa taz-zuntier tal-knisja parrokkjali ta' Marija Annunzjata. L-anġlu jinsab f'pożizzjoni mimlija moviment u qawwa min-naħa l-oħra bħala kuntrass hemm l-umiltà u serenità tal-Madonna.** Darba waħda l-Kavallier Rafel Bonnici Calì kien issuġerixxa li dan il-grupp, li ċertament hu l-aqwa biċċa xogħol artistika li saret minn Malti fl-iskultura, jiġi mqiegħed fil-knisja u jitpoġġa minflok il-pittura titulari. B'hekk dan il-grupp ikun preservat għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin fil-futur. Biċċa xogħol oħra tiegħu li tinsab f'Ħal Balzan hija Santa Marija. **Il-figura tal-Madonna hija mimlija ħajja u tinsab f'moviment sejra lejn is-sema.** Skond Pietru Pawl Castagna dawn ix-xogħlijiet ta' Sigismondo Dimech saru wara li reġa' ġie lura Malta mill-eżilju. Il-Lunzjata saret fis-sena 1802 u Santa Marija 36 sena wara.



## L-Aktar Xogħlijiet Magħrufa

Sigismondo Dimech għandu żewġ xogħlijiet tiegħu li huma magħrufa ma' kull Malti u Għawdxi. Dawn huma l-Madonna tal-Karmnu (Mdina) u San Pawl (Ġżejjer ta' San Pawl). Il-Madonna tal-Karmnu saret fis-sena 1826. Din saret biex iżżejjen kantuniera tal-knisja tal-Karmnu (jew aħjar tal-Madonna tal-Lunzjata). Din l-istatwa saret aktarx bħala radd il-ħajr ta' l-għemejjel li kienu wettqu s-suldati Franċiżi waqt il-ħakma qasira tagħhom f'Malta. Il-figura tal-Madonna turi moviment fl-ilbies tagħha. Dan il-moviment hu riżultat tar-riħ li jonfoħ f'din il-parti ta' l-Imdina. Mela wieħed jista' jgħid li meta Sigismondo Dimech kien se jaqbad jaħdem fuq dan ix-xogħol ħa inkonsiderazzjoni l-kondizzjonijiet fiżiċi ta' fejn kellha ssir l-istatwa.

It-tieni u l-aħħar xogħol magħruf ta' Sigismondo Dimech hu l-figura ta' San Pawl li tinsab fuq il-gżejjer ta' Selmun. Dan ix-xogħol mhux kollu ta' Sigismondo Dimech. Daħħal jaħdem miegħu membru ieħor tal-familja – Salvatore (1804-1886). Dan kien minn Ħal Lija.

**B'hekk naraw li Ħal Balzan għandha patrimonju kbir fejn tidħol skultura. Dawn in-niċeċ u statwi tal-ġebel mhux xi ħaġa ta'**

**dekorazzjoni. Huma sinjal ta' rispett lejn il-fidi Nisranija. Huma turija ċara tal-fidi li għandu l-poplu Malti lejn Alla, il-Madonna u l-qaddisin. Ħal Balzan hu mżejjen f'ħafna xogħlijiet iżda dawn it-tnejn huma fost l-aqwa li għandna fil-gżejjer. Għalhekk kull Balzani għandu jkun kburi ta' dan il-patrimonju u jħarishom biex jibqgħu *ħajjin* għal ħafna snin. Tgħid iż-żewġ figuri tal-Lunzjata għandhom isiru kopja tagħhom u l-oriġinal jitpoġġew xi post fil-knisja parrokkjali?! Tgħid hemm bżonn nagħmlu l-istess bl-istatwa ta' Santa Marija?!**


**Referenzi:**

Dr. Eugene F. Montanaro, *Sigismondo Dimech (1769-1853) l-Iskultur tal-Vara ta' Ġesù Marija*, "Programm tal-festa ta' San Ġorġ", Victoria, 1985.

Joseph F. Grima, *Monthly Anniversary Story: Sigismondo Dimech (1769-1853),* "The Democrat", 26-V-1990.

Pietro Paolo Castagna, *L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer tagħha*, Vol III, Malta 1890.